MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 244/2012/1

**Degremont S.p.a.**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

Il-Qorti,

Rat id-digriet moghti mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fis-16 ta' April 2013, fejn gie deciz:-

*"It-Tribunal,*

*Ra t-talba avvanzata mis-socjetà rikorrenti waqt is-seduta tat-8 ta' April 2013 permezz ta' liema titlob li d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jesebixxi kopja tal-file taghha kif ukoll tal-faxxikli u dokumenti kollha li wasslu ghal din il-vertenza;*

*Ra li d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) oppona ghal din it-talba stante li mar-Risposta tieghu già giet esebita d-dokumentazzjoni kollha li tista' tehtieg is-socjetà rikorrenti u ghalhekk ma hemmx bzonn li jigi esebit il-file tad-Dipartiment;*

***Ikkonsidra:***

*Ai termini tar-Regola 2(2) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta ikun dmir ta' l-appellant li jgib prova li xi valur taxxabbli li ssir stima dwaru mill-Kummissarju jkun eccessiv jew li xi kreditu li ssir stima dwaru mill-Kummissarju ma jkunx sufficjenti. Dan huwa provvediment centrali fil-kuntest ta' proceduri istitwiti jew pendenti quddiem dan it-Tribunal u jekk l-appellant ma jirnexxilux jissodisfa dan l-oneru l-kaz tieghu ma jistax jirnexxi.*

*Fil-fehma tat-Tribunal f'kuntest ta' proceduri fejn tkun qed tigi kontestata stima tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), jekk it-tax payer ma jkollux access ghall-file li d-Dipartiment ghandu dwaru, partikolarment dwar l-istima/stimi in kontestazzjoni u l-investigazzjoni li tkun saret fir-rigward tieghu, huwa ferm difficili ghalih li jissodisfa l-oneru tal-prova impost fuqu bil-Ligi. Din id-diffikultà tat-tax payer hija accentwata bid-disposizzjoni tal-Ligi stipulata fir-Regola 3 tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, li tipprovdi li kull persuna, barra mill-Kummissarju, li jkollha jew kellha xi dmir ufficjali, jew li hi jew kienet impjegata, fl-amministrazzjoni ta' l-Att, ma ghandhiex tigi msejha biex tixhed*

*jew tigi ezaminata dwar xi haga ufficjali li ghandha x'taqsam ma' l-istima li dwarha jkun qed isir appell hlief meta jekk jitlob il-Kummissarju.*

*Jigi puntwalizzat li ghalkemm fil-prattika d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) mhux qed joggezzjona li VAT Inspectors u Review Officers li jkunu hadmu fuq il-kaz tat-tax payer jitressqu bhala xhieda fuq talba tat-tax payer stess, din hija prassi li qed tigi minnu adottata buona volontà tieghu u ghalkemm it-Tribunal japprezza l-lejaltà tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) f'dan ir-rigward xorta wahda ma jistax jinjora dak dispost fir-Regola 2(2) u fir-Regola 3 tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta appena citati.*

*Fil-kaz in ezami d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) qed jopponi ghat-talba tas-socjetà rikorrenti in bazi ghall-affermazzjoni li mar-Risposta tieghu huwa già pprezenta d-dokumentazzjoni kollha li tista' tehtieg is-socjetà rikorrenti f'dan il-kaz u ghalhekk ma hemmx il-htiega li jigi esebit il-file kollu tad-Dipartiment.*

*Id-dokumentazzjoni li ghaliha jaghmel referenza d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) tikkonsisti fir-rapport ta' l-Ispetturi tal-VAT dwar l-investigazzjoni fir-rigward tat-tax payer, f'dan il-kaz is-socjetà rikorrenti, li a bazi tieghu tkun inharget l-istima kontestata. Ghalkemm il-prezentata ta' tali rapport hija pass il-quddiem lejn id-direzzjoni t-tajba biex jigi osservat u assigurat id-dritt ta' smigh xieraq fi proceduri istitwiti quddiem dan it-Tribunal, it-Tribunal ma jaqbilx mad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) li billi jipprezenta tali rapport u xi dokumentazzjoni ohra fir-rigward huwa jkun qed jaghti lis-socjetà rikorrenti dik l-informazzjoni mehtiega biex tissodisfa l-oneru tal-prova impost fuqha bil-Ligi u konsegwentement biex ikun garantit jew salvagwardat id-dritt ta' smigh xieraq kif sancit fl-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Biex jigi garantit u assigurat id-dritt ta' smigh xieraq fi proceduri istitwiti quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva l-istess Tribunal huwa marbut li josserva il-principji ta' imgieba amministrattiva tajba elenkati fl-Artikolu 3 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta. Dana l-obbligu tat-Tribunal jirrizulta mill-Artikolu 6 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*L-Artikolu 3(2)(c) u (d) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, b'mod partikolari jipprovdi li Tribunal Amministrattiv – f'dan il-kaz it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva – ghandu jassigura li: il-partijiet fil-proceduri jkollhom l-istess mezzi procedurali. Kull parti ghandha tinghata l-opportunità li tipprezenta l-kaz taghha, bil-kitba jew bil-fomm jew bit-tnejn, minghajr ma titqieghed fi zvantagg[1]; u li l-amministrazzjoni pubblika taghmel disponsibbli id-dokumenti u l-informazzjoni rilevanti ghall-kaz u ghandu jara li l-parti jew il-partijiet l-ohra fil-proceduri jkollhom access ghal dawn id-dokumenti u informazzjoni[2].*

*Minn dak provdut fl-Artikolu 3(2)(c) u (d) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta johrog b'mod car li: (i) l-appellant – f'dan il-kaz it-tax payer – **ma ghandux ikun zvantaggjat** fil-mod kif iressaq – u b'hekk jipprova – il-kaz tieghu kontra l-awtorità pubblika u d-decizjoni partikolari kontestata, u li (ii) l-awtorità pubblika koncernata, f'dan il-kaz id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), hija **obbligata** li taghmel disponsibbli d-dokumenti u l-informazzjoni rilevanti ghall-kaz.*

*Fil-kaz ta' appell minn stima mahruga fil-konfront ta' tax payer da parte tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) huwa*

---

[1] Sottolinear tat-Tribunal.

[2] Sottolinear tat-Tribunal.

*evidenti li biex it-tax payer ma jkunx zvantaggjat fil-mod kif iressaq u b'hekk jipprova l-kaz tieghu kontra l-istima kontestata, huwa ghandu jkollu access ghall-informazzjoni kollha formanti l-bazi ta' l-investigazzjoni tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fil-konfront tieghu, fuq liema fl-ahhar mill-ahhar ikun hareg l-istima kontrih. Proprio biex jigi grantit tali bilanc bejn it-tax payer u d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) l-istess Direttur Generali qua awtorità pubblika ghandu l-obbligu li jaghmel tali dokumenti w informazzjoni disponibbli lit-tax payer. Bla dubju ta' xejn tali dokumenti w informazzjoni jikkonsistu fid-dokumenti w informazzjoni* ***kollha****, inkluz ghalhekk il-minuti fil-file, fuq liema d-Direttur Generali (Taxxa fuq l-Valur Mizjud) mexxa l-investigazzjoni tieghu fil-konfront tat-tax payer u konsegwentement hareg l-istima kontrih u ghalhekk l-uniku mod kif it-tax payer jista' jkollu access veru u reali ghal din l-informazzjoni huwa billi l-file* ***kollu*** *– li jinkludi ghalhekk il-minuti wkoll – relattiv ghall-investigazzjoni u konsegwenti stima kontra tieghu jigi esebit fl-atti tal-proceduri. Dan ifisser ghalhekk illi d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ma jistax jippretendi li ghandu l-jedd li* ***jaghzel hu*** *x'dokumenti w informazzjoni konnessi ma' l-investigazzjoni u konsegwenti stima mahruga kontra t-tax payer ghandu dritt ikollu access ghalihom l-istess tax payer – tali pretensjoni tmur ghal kollox kontra dak provdut fl-Artikolu 3(2)(c) u (d) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta u tirrendi l-oneru impost fuq l-appellant bir-Regola 2(2) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal kollox insormontabbli.*

*Fil-verità dak provdut fl-Artikolu 3 tal-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta u dan kollu osservat (kif ukoll dak kollu già osservat minn dan it-Tribunal f'diversi Digrieti già moghtija dwar din il-materja partikolari) effettivament jikkristalliza u jaghti sahha ta' Ligi (bl-Artikolu 3 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta) u jirribadixxi (bid-Digrieti moghtija mit-Tribunal) principju diversi drabi enuncjat mill-Qrati nostrali. In effetti fil-gurisprudenza nostrali già jinsab stabbilit il-principju li l-obbligu ta' l-awtorità pubblika li meta tigi*

*hekk mitluba tesebixxi dokumenti w informazzjoni kollha pertinenti ghall-kaz ta' l-appellant, effettivament tpoggi a disposizzjoni ta' l-appellant u tal-gudikant tali dokumenti w informazzjoni huwa necessarju mhux biss f'gieh* ***it-trasparenza ta' amministrazzjoni korretta imma wkoll biex jigi rispettat il-principju ta' l-'equality of arms'*** *fejn il-kontro-parti kellha tittqieghed* ***f'posizzjoni illi tissodisfa l-oneru tal-prova fuqha*** *illi l-ammont reklamat ma kienx dovut minnha billi tinghata l-informazzjoni kollha mehtiega biex tkun sewwa a konoxxenza mhux biss tal-ammont reklamat mid-Dipartment* ***imma wkoll tar-ragunijiet li wasluh biex jiddeterminah***[3].

*Tant il-Legislatur ried li dan il-principju jinghata sahha ta' Ligi fis-sistema guridika nostrali li introduca l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva u fih, kif già osservat, specifikatament jorbot lill-awtorita pubblika b'tali obbligu fil-konfront tac-cittadin. Din l-intenzjoni tal-Legislatur tohrog ferm cara mid-Dibattiti Parlamentari dwar l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva fejn, bi spiegazzjoni tal-principji enuncjati fl-Artikolu 3 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta inghad: hemm numru ta' tribunali li din ir-regola ma tinstabx fihom, u hija wkoll f'rifless – anke jekk mhux dirett pero zgur indirett – ma' l-artikolu 637 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Allura hawnhekk qeghdin nghidu li meta jkun hemm kwistjoni quddiem tribunal amministrattiv, l-amministrazzjoni pubblika ghandha taghmel disponibbli d-dokumenti u l-informazzjoni rilevanti ghall-kaz u jara li parti jew il-partijiet l-ohra jkollhom access ghalihom*[4] *… <u>l-amministrazzjoni pubblika li tigi mharrka quddiem it-tribunal amministrattiv trid taghmel available lit-tribunal, id-dokumenti u l-informazzjoni rilevanti ghall-kaz u mhux tahbi dak li ma jaqblilhiex turi u tesebixxi dak li jaqbiliha. Jigifieri hawnhekk qeghdin nintroducu – safejn naf jien ghall-ewwel darba – id-discovery rule li tezisti l-Ingilterra, li dawn it-tribunali ta' l-ewwel skeda jridu li l-</u>*

[3] A.B. Ltd. v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Marzu 2011. Enfasi tat-Tribunal.
[4] Seduta Nru. 470 tas-27 ta' Novembru 2006.

*amministrazzjoni li tigi imharrka fihom, trid taghti l-informazzjoni u d-dokumenti kollha li jkunu rilevanti ghall-kaz*[5] *… Dan l-abbozz ta' ligi huwa intiz biex jipprova jikompli jibni fuq dak li diga bdejna nibnu. Fil-fatt klawsola 3 – nahseb li din hija l-aktar klawsola importanti – qed tistabilixxi l-principji li fuqhom kull tribunal amministrattiv ghandu jasal ghad-decizjonijiet tieghu. Fir-realta li jaghmel dan l-abbozz ta' ligi huwa li jikkonsolida l-principji li diga jigu applikati u li dejjem gew applikati li pero qed naghmluhom cari ghal kulhadd biex ikunu jafu fuq liema principji tal-ligi dawn it-tribunali ghandhom jimxu. Dawn il-principji ghandhom jinkludu r-rispett tad-dritt tal-partijiet li jinghataw smigh xieraq, inkluz il-principji ta' gustizzja naturali li jinkludu nemo judex in causa sua, jigifieri li ma tistax tiddeciedi fuq xi haga li taffettwa lilek, u audi et alteram partem jigifieri li taghti d-dritt lil kull parti li tippartecipa f'dawn il-proceduri. Naraw ukoll li t-tribunal ghandu jizgura li l-amministrazzjoni pubblika taghmel disponibbli d-dokumenti u l-informazzjoni rilevanti ghall-kaz lill-parti l-ohra. Hawnhekk qeghdin naraw il-principju li l-Inglizi jghidulu the duty of disclosure. Naraw ukoll li t-tribunal amministrattiv ghandu jizgura lill-partijiet li jkollhom l-istess mezzi procedurali, dak li bl-ingliz nghidulu l-equality of arms principle. … Dan ifisser li ghall-ewwel darba hawnhekk ghandha l-ligi taghna li qed tistabilixxi bl-aktar mod car il-principji tal-gustizzja naturali, il-principji tat-trasparenza, il-principju ta' l-equality of arms u l-principju ta' full disclosure li t-tribunali, huma liema huma, ghandhom jimxu bihom*[6].

*Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghandu l-obbligu prefiss fil-Ligi li jpoggi a disposizzjoni tas-socjetà rikorrenti l-file tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud relattiv ghall-investigazzjoni li saret fil-konfront taghha u ghall-konsegwenti stima li nharget kontriha.*

[5] Seduta Nru. 472 tad-29 ta' Novembru 2006. Sottolinear tat-Tribunal.
[6] Seduta Nru. 472 tad-29 ta' Novembru 2006.

*Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjetà rikorrenti u jornda lid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) sabiex fi zmien hmistax-il gurnata mid-data ta' dan id-Digriet jesebixxi permezz ta' Nota Guramentata vera kopja tal-file tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud relattiv ghall-investigazzjoni li saret fil-konfront tas-socjetà rikorrenti u ghall-konsegwenti stima li nharget kontriha u li qed tigi kontestata b'dawn il-proceduri, liema kopja ghandha tinkludi wkoll il-minuti tad-Dipartiment imnizzla fl-istess file.*"

Illi dana huwa appell ai termini ta'l-artikolu 229(2)(f) ta'l-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprevedi li d-dritt ta' appell minn digriet li jordna li jingieb dokument privileggat skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 637(4) tal-Kap.12 u dana qabel ma tinghata is-sentenza finali. Illi l-artikolu 637(4) jiddisponi illi:

"**Meta ssir domanda ghall-produzzjoni fil-qorti ta' dokument mizmum ghand awtorità pubblika, u l-awtorità pubblika hija tal-fehma li s-subartikolu (3)(a) japplika ghal dak id-dokument, l-awtorità pubblika ghandha twiegeb ghad-domanda bhallikieku dik id-domanda kienet talba ghall-izvelar tad-dokument taht l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni; u d-disposizzjonijiet tat-Taqsimiet II u IV u tal-artikoli 39, 40 u 43 tal-Att dwar il-Libertà ta l-Informazzjoni ghandhom japplikaw skond il-kaz.**"

Illi mill-atti probatorji jirrizulta illi fis-seduta tat-08 ta' April 2013, is-socjeta rikorrenti ressqet talba quddiem it-Tribunal sabiex il-Kummissarju intimat jigi ordnat jezebixxi kopja tal-*file* tal-kumpanija Degremont S.p.a. flimkien mal-faxxikli u id-dokumenti kollha li wasslu ghal vertenza amministrattiva. Illi l-Kummissarju oggezzjona ghal din it-talba billi dehrlu illi id-dokumenti kollha rilevanti ghal kwistjoni rimessa ghal gudizzju tat-Tribunal Amministrattiv kienu diga gew sottomessi mid-dipartiment. Dana ifisser illi kien id-Dipartiment illi unilateralment iddecieda liema mid-dokumenti li kienu jinsabu fil-*file* tas-socjeta rikorrenti kienu rilevanti ghal vertenza. Illi t-Tribunal madanakollu

ghadda sabiex laqa’ it-talba maghmula mir-rikorrenti u dana abbazi ta’ dak ipprovdut fl-artikolu 3(2)(c) tal-Kapitolu 490 li waqqaf it-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva. Dana ghaliex ikkonkluda illi bil-fatt illi l-intimat kellu ghad-disposizzjoni tieghu il-*file* kollu tat-taxpayer u seta’ allura jaghzel hu liema kienu id-dokumenti rilevanti ghal dan il-gudizzju, huwa kien qieghed ipoggi lir-rikorrenti fi zvantagg tant illi ma kienx qed jigi rispettat il-principju bazilari ta’ kull procediment gudizzjarju u cioe’ dak ta’l-*equality of arms*.

Aggravat minn din id-decizjoni u bis-sahha tal-jedd moghti lilu fl-artikolu 229 hawn fuq iccitat, il-Kummissarju intimat appella minn din id-decizjoni u invoka a favur tieghu dak dispost fl-artikolu 637(3)(a) tal-Kapitolu 12 li jiddisponi:

**“Ma tistax tintalab il-produzzjoni ta’ xi dokument li hu miżmum minn awtorità pubblika u:-**

**(a) li hu dokument eżentat taħt l-artikoli 29, 30 jew 36(1) jew is-subartikoli (4) jew (5) tal-artikolu 32 tal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni; jew**

**(b) li l-izvelar tieghu hu pprojbit minn xi ligi ohra.”**

Jikkontendi allura illi id-dokumenti li taghhom qed tigi ordnata l-ezebizzjoni quddiem it-Tribunal huwa dokument ezentat bl-Att billi l-izvelar tieghu jista iwassal sabiex “jippregudika t-tmexxija ta’ investigazzjoni ta’ ksur, jew il-possibilita ta’ ksur tal-ligi jew nuqqas jew possibilita ta’ nuqqas ta’ konformita ma’ ligi li ghandha x’taqsam ma tassazzjoni, jew jippregudika l-infurzar jew amministrazzjoni xierqa tal-ligi f’cirkostanza partikolari.[7]”

[7] Artikolu 30(1) tal-Kapitolu 496

Ukoll l-artikolu 36(1) tal-Kapitolu 496 jipprovdi illi:

"..... **dokument hu dokument eżentat jekk l-iżvelar tiegħu taħt dan l-Att jiżvela materja li għandha n-natura ta', jew li għandha x'taqsam ma', opinjonijiet, pariri jew rakkomandazzjonijiet miksubin, imħejjijin jew reġistrati, jew ma' konsultazzjoni jew deliberazzjoni li jkunu saru, fil-kors tal-proċessi deliberattivi involuti fil-funzjonijiet tal-Gvern jew awtorità pubblika oħra, jew għall-finijiet ta' dawk il-proċessi**."

Fid-dawl allura ta' dawn id-disposizzjonijiet partikolari tal-ligi, il-Kummissarju jargumenta illi t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva bl-applikazzjoni tal-artikolu 3(2)(c) u (d) tal-Kapitolu 490 ma setax jinjora dak stabbilit fl-artikolu 637(3) u (4) tal-Kapitolu 12, billi dana l-artikolu tal-ligi ma jipprekludiex id-dritt ta' smigh xieraq stabbilit fil-ligi. Dan ifisser allura li id-dokumenti fil-*file* tas-socjeta rikorrenti li fihom hemm minuti privileggjati konsistenti f'fehmiet u rakkomandazzjonijiet moghtija mill-ufficjali tad-dipartiment waqt li tkun qed tinbena l-investigazzjoni u li huma prettament ghal konsum intern jaqghu taht il-kappa ta' dak dispost fl-artikolu 637 abbinat ma' dak dispost fil-Kapitolu 496 u allura ma ghandhomx jigu esebieti fil-qorti.

Premess dan, din il-Qorti tara illi fil-kaz in dizamina, tinsorgi, qabel kull kwistjoni legali, l-obbligu taghha li tqies jekk l-objezzjoni mressqa 'il quddiem mill-Kummissarju appellanti tistax twassal ghal vjolazzjoni attwali jew mhedda tad-drittijiet fondamentali, u cioe' ghad-dritt ta' smigh xieraq kif sanciti fil-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Jeddijiet tal-Bniedem. Dan l-obbligu jidher illi hassu anke it-Tribunal meta wasal ghad-decizjoni tieghu u dana ghaliex kien tal-fehma illi ir-rikorrenti kien jinstab fi zvantagg meta jipprova jiddefendi l-kaz tieghu ghaliex ma ghandux f'idejh id-dokumenti kollha li setghu wasslu ghad-decizjoni amministrattiva fil-konfront tieghu u li minnha huwa hassu aggravat. Kien fl-impossibilita allura, li jipprova

jiggieled u jeghleb tali decizjoni issa quddiem it-Tribunal, li fuq kollox ghandha il-gurisdizzjoni tissindka l-operat amministrattiv ta' kull korp governattiv, u dana ghaliex ma kellux access ghal inkartament kollu dipartimentali li wassal ghall-azzjoni amministrattiva mehuda fil-konfront tieghu. Illi kif gie stabbilit diversi drabi fil-gurisprudenza:

> ***"Fil-verita` ma hemm xejn x' josta li xi hadd jagixxi kontra min hu minnu meqjus fi htija ghall-vjolazzjoni ta' xi jedd fundamentali tieghu. Kif jinsab osservat, "dan ghaliex ghandu jkun pacifiku li kull individwu kien tenut u marbut li josserva d-dettami tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni – din ta' l-ahhar illum parti mill-ordinament guridiku nostran – kif kellu jkun pacifiku li l-Qrati kollha, u mhux biss il-Prim' Awla fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, u din il-Qorti, kellhom jinterpretaw u japplikaw il-ligijiet fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni" - "Constantino Consiglio et -vs- Kavalier Joseph N. Tabone nomine", Qorti Kostituzzjonali, 11 ta' Awwissu 2000." - 3 ta' Ottubru, 2003 Citazzjoni Numru. 1560/1995 Margaret Camilleri, Caroline Ebejer u Monica Gatt vs The Cargo Handling Co Ltd".***

Illi dana l-kuncett ta' "equality of arms" ghandu iktar jigi enforzat b'sahha meta l-kontendenti f'procediment gudizzjarju ma humiex *a pari passu*, dana ghaliex wiehed mill-partijiet jinsab f'posizzjoni vantagguza billi ghandu warajh istituzzjoni, bhal dik governattiva, li certament ghandha iktar sahha mic-cittadin ordinarju li minghajr dubbju ghandu mezzi iktar limitati ghad-disposizzjoni tieghu biex ikun jista' jiddefendi lilu innifsu. Huwa b'dan il-hsieb illi il-legislatur taha il-hajja lil-legislazzjoni dwar ir-revizjoni ta' atti amministrattivi u

waqqaf tribunal *ad hoc* ghas-salvagwardja tad-drittijiet tac-cittadin. Gustament allura t-Tribunal fid-decizjoni tieghu ghamel referenza ghad-dibattiti parlamentari li sawwru il-promulgazzjoni tal-Kapitolu 490 billi hawnhekk jinsab il-hsieb tal-legislatur. Minn qari ta'l-istess jirrizulta indubbjament illi dan il-hsieb kien wiehed u cioe' illi jigi salvagwardajt il-principju tal-*equality of arms* u dana billi l-amministrazzjoni pubblika tigi kostretta tizvela kull dokument u informazzjoni li wassal ghad-decizjoni amministrattiva fil-konfront tac-cittadin li jirrikorri lejn it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva.

Illi anke il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz ***Chambaz vs Switerland*** sahhqet illi kien hemm vjolazzjoni ta'l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni fic-cirkostanzi analogi bhal f'dana il-kaz fejn sahhqet:

"**La Cour rappelle que le droit à un procès pénal équitable implique que la défense puisse avoir accès à l'ensemble des preuves entre les mains de l'accusation, qu'elles soient en défaveur, ou en faveur, de l'accusé (*McKeown c. Royaume-Uni,* no 6684/05, § 43, 11 janvier 2011). Les seules restrictions admissibles au droit d'accès à l'ensemble des preuves disponibles sont celles qui s'avèrent strictement indispensables (*Van Mechelen et autres c. Pays-Bas,* 23 avril 1997, § 58, *Recueil*1997-III), soit la protection d'intérêts nationaux vitaux ou la sauvegarde des droits fondamentaux d'autrui (*Dowsett c. Royaume-Uni,* précité, § 42)**"[8]

Illi fil-fatt dana il-hsieb espress mill-Qorti Ewropeja jinsab anke sancit fil-Kapitolu 496 iccitat mill-Kummissarju appellanti fejn fl-artikolu 35 jigi stabbilit it-test li ghandu jigi applikat sabiex jigi verifikat jekk dokument ghandux jitqies bhala dokument ezentat taht l-artikolu 36 meta jinghad illi:

[8]The Court reiterated that the only permissible restrictions on access to all evidence in the prosecuting authorities' possession had to be justified by the protection of vital national interests or the preservation of the fundamental rights of others." http://hudoc.echr.coe.int

"**Dokument jista' ma jingħatax skont id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima biss jekk ikun fih materja li fir-rigward tagħha l-interess pubbliku li jinqeda bin-nuqqas ta' żvelar m'għandux piż aktar mill-interess pubbliku li jinqeda jekk id-dokument ikun żvelat**."

Dan ifisser illi l-mizien irid necessarjament ixaqqleb favur l-interess pubbliku u nazzjonali iktar milli lejn l-interessi privati tac-cittadin sabiex id-dokument isir wiehed privileggjat.

Premess dan jinghad minghajr tlaqliq illi ma hemmx l-icken prova fl-atti li jindika dan. U din il-Qorti sahansitra tazzarda tghid illi lanqas jista' ikun hemm, ghaliex fuq kollox l-inkartament jew il-*file* li ic-cittadin ikollu f'kwalunkwe dipartiment jew awtorita' governattiva huwa proprjeta tieghu personali u mhux tad-dipartiment billi fih hemm kontenenti informazzjoni personali tieghu, pariri, rakkomandazzjoni u opinjonijiet li jikkoncernaw lilu u lil hadd izjed. Dina l-informazzjoni hija essenzjali ghat-taxpayer sabiex ikun possibbli ghalih li jiddetermina dak li wassal lil Kummissarju ghad-decizjoni tieghu jew ghal kalkoli minnu maghmula u allura huwa ikun f'posizzjoni ahjar li jista jiddefendi ruhu. Fuq kollox mill-izvelar tal-process kollu li wassal ghal komputazzjoni tat-taxxa it-taxpayer jista' ukoll isib illi ma ghandux ragun fil-kontestazzjoni tieghu biex b'hekk jigu evitati proceduri gudizzjarji minghajr bzonn.

Dan kollu ghalhekk iwassal lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi illi d-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 637 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta abbinati mad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 496 ghandhom dejjem jinqraw fid-dawl ta' dak stabbilit fl-artikoli 3(2)(c) u (d) tal-Kapitolu 490 li hija l-ligi specjali li tirregola l-procedura quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva izda

fuq kollox b'rispett u osservanza tad-drittijiet fondamentali tac-cittadin li jinghata il-jedd illi jiddefendi ruhu fuq l-istess binarju biex b'hekk jigi osservat il-principju tal-*equality of arms* u ma jigux lezi il-principji ta' gustizzja naturali li huma il-qofol ta' kull ordinament guridiku.

Illi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ghalhekk ma tara xejn x'ticcensura fil-fehma legalment raggunta mit-Tribunal u kwindi tikkonvidi l-istess pjenament.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u id-digriet tas-16 ta' April 2013 moghti mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva qed jigi ikkonfermat. Tirrimanda l-atti quddiem it-Tribunal sabiex hemmhekk tkompli tigi trattata u definita l-vertenza pendenti bejn il-partijiet.

L-ispejjez ta' dana l-appell ghandhom jigu sopportati mill-Kummissarju appellanti.

**< Digriet >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------